dejjem

*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## Kulleġġ Maria Regina
## Sena Skolastika 2014/2015

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Raba' Sena | **Malti (Il-Fehim mis-Smigħ)** | Il-Ħin: 30 minuta |

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami**

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Wara, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript aqrah darbtejn, kwarta kull darba.

*Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.*

(Wara 5 minuti)
*Issa se naqralkom* l-istorja Tliet Tadamiet Żgħażagħ!*. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.*
*Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.*
*Se nibda.*

## Tliet Tadamiet Żgħażagħ!

"Ajma! Aħħ!"

"Ersaq naqra."

"U int xi trid tgorr, stajt kont eħxen u kont ngħaffġek aktar."

U hekk baqgħu sejrin, jillatikaw it-triq kollha. Fit-triq sabu ħafna ħofor u tgħidx kemm qabżu fil-kannestri tagħhom. Waħda mit-toroq li għaddew minnhom kienet agħar mill-oħrajn. Ir-rota tat-trakk baqgħet dieħla ġo toqba mdaqqsa u l-kannestri ħadu skoss daqsiex. Bl-iskoss waqgħu xi frott minn fuq it-trakk għal ġot-triq. Il-kannestru tat-tadam ukoll ħassu l-iskoss u xi tadam waqgħu fit-triq u malajr tgħaffġu minn karozzi oħra.

"Ftit ħin ieħor u naslu," qalet Tadama.

"Issa naraw min ser jagħżilna lilna daqskemm aħna sbieħ," qalu tliet tadamiet żgħażagħ li kienu fl-aħjar tagħhom. Fl-aħħar it-trakk waqaf. Il-bidwi niżel u beda jħott il-kaxxi minn fuq it-trakk għal post fejn kien jinbiegħ il-prodott tiegħu fil-pitkali. Malajr bdew ġejjin ix-xerrejja. Dawn dejjem iridu l-orħos u l-aħjar. Min iqalleb minn hawn u min iqalleb minn hemm. L-imsejknin tadam kellhom jissaportu kollox fis-skiet.

Xi kultant kont issib xi tadama mqarqċa u biex bħallikieku tpattiha lil min kien qed jagħfasha, kienet tinfaqa' ħesrem f'idu jew tispara l-meraq tagħha għal wiċċu.

Resaq lejn il-bidwi wieħed xerrej li xtara xi kaxxi tal-frott u ħaxix kif ukoll tadam. Fosthom kien hemm it-tadam li ltqajna magħhom qabel. Dawn reġgħu sabu ruħhom mill-ġdid fuq trakk u telqu għal għonq it-triq mimlija ħofor.

Meta waslu fir-raħal fejn kien joqgħod ibigħ sid it-trakk, waqaf u daqq il-ħorn għal diversi drabi. Minnufih bdew ġejjin in-nies. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu nisa. Il-bejjiegħ ma ħallihomx imissu t-tadam b'idejhom.

"Tmissu xejn għax jitħassru," qalilhom b'leħen sod.

"Issa naraw fejn ser nispiċċaw, hux ser nibqgħu flimkien," qalet Tadama. Lanqas laħqet spiċċat il-kelma li l-bejjiegħ ma qabadhiex minn żaqqha u tefagħha ġo borża.

"Saħħa," qaltilhom Tadama minn ġol-borża, "ma naħsibx li nerġgħu niltaqgħu."

"Tini wkoll dawk it-tliet tadamiet sbieħ, Pawl," qalet waħda mara, "xi ġmiel ta' tadam hux!"

B'hekk Tadama u t-tliet tadamiet żgħażagħ sabu ruħhom fl-istess borża, fil-basket ta' Gerit. Meta lestiet mix-xirja, din qabdet il-basket u telqet lejn darha. Hemm ħarġet kollox fuq il-mejda u mbagħad poġġiet kollox f'postu. M'għandniex xi ngħidu t-tadam sab ruħu fil-friġġ.

Ġurnata minnhom, Gerit fetħet il-friġġ u ħarġet it-tliet tadamiet żgħażagħ.

"Dawn it-tadamiet tassew sbieħ," qalet. "Tajbin ħafna għall-insalata li ser nagħmel illejla mal-ħut."

Waħda, waħda, it-tliet tadamiet sabu ruħhom fuq sodda ta' ħass u xi ħxejjex oħra. Issa kienu lesti biex jittieklu. Ħassewhom kburin li se jservu ta' ġid għas-saħħa ta' Gerit u l-familja tagħha.

Sadanittat Tadama baqgħet tistenna fil-friġġ u minn ġo fiha bdew ħerġin dbabar suwed fuq il-ġilda ħamra tagħha.

(Addattata minn "L-imsejkna tadama" ta' Anna Baldacchino)

***

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***
***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa t-tajba.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Min qed jitkellem fil-bidu tal-istorja? | | Pawlu u Rita. |
| | | | Il-bidwi u l-bejjiegħ. |
| | | | It-tadam. |
| | | | Żewġ nisa. |
| | | | |
| 2. | It-tadam kien ġo | | barmil. |
| | | | kaxxa. |
| | | | xkora. |
| | | | kannestru. |
| | | | |
| 3. | Ir-rota tat-trakk sabet ruħha | | ġo ħofra żgħira. |
| | | | ġo toqba mdaqqsa. |
| | | | ġo ħofra kbira. |
| | | | ġo toqba fonda. |
| | | | |
| 4. | Il-bidwi jbigħ il-prodott tiegħu fil- | | pitkali. |
| | | | maħżen. |
| | | | barriera. |
| | | | ġnien. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | It-tliet tadamiet kienu żgħażagħ. Żgħażagħ tfisser li kienu | | nejja. |
| | | | misjura. |
| | | | rqaq. |
| | | | friski. |
| | | | |
| 6. | X'kienet tagħmel kultant xi tadama mqarqċa? | | Taqbad twerżaq. |
| | | | Titlaq 'l hemm. |
| | | | Tispara l-meraq tagħha. |
| | | | Tistaħba. |
| | | | |
| 7. | Wieħed xerrej xtara mingħand il-bidwi | | frott, ħaxix u tadam. |
| | | | frott u tadam. |
| | | | karrotti u tadam. |
| | | | ħaxix u tadam. |
| | | | |
| 8. | Il-bejjiegħ kien isejjaħ lin-nies biex jiġu jixtri billi | | jgħajjat kemm jiflaħ. |
| | | | jħabbat bieb bieb. |
| | | | jdoqq il-ħorn tat-trakk. |
| | | | jixgħel mużika tgħajjat. |
| | | | |
| 9. | Il-bejjiegħ u x-xerrejja tal-istorja kien jisimhom | | Toni u Marija. |
| | | | Gary u Pawla. |
| | | | Lino u Tina. |
| | | | Pawlu u Gerit. |
| | | | |
| 10. | "Dawn it-tadamiet tassew sbieħ." Min qal dan il-kliem? | | Il-bidwi. |
| | | | Pawla. |
| | | | Il-bejjiegħ. |
| | | | Gerit. |
| | | | |
| 11. | 'telqu għal għonq it-triq' tfisser | | fi triq dejqa u twila. |
| | | | fi triq li ma jafux. |
| | | | fi triq mimlija ħofor. |
| | | | qabdu t-triq u telqu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **12.** | ‘dbabar suwed’ tfisser li Tadama bdiet | | tibki. |
| | | | tisthi. |
| | | | titħassar. |
| | | | tisbieħ. |

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B***

***Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta’ linja taħt il-kelma t-tajba.***

**13.** Ix-xerrejja riedu jixtru l-aħjar tadam u (l-orħos *jew* l-ogħla).

**14.** Gerit xtrat (tliet *jew* erba’) tadamiet.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ***

***Imla l-vojt.***

**15.** Il-bejjiegħ qal lin-nies biex ma jmissu xejn għax __________________.

**16.** Gerit qalet li t-tadamiet kienu tajbin ħafna mal-__________________.

**17.** It-tadamiet ħassewhom kburin li se jservu ta’ ġid għas-____________ ta’ Gerit u l-familja tagħha.

***Issa se nerġa’ naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

**** * ****

***Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista’ tgħid:***
***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***